Nru./No. 18,369
Prezz/Price
€2.98

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, 2009
Friday, 23rd January, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 577 - 580
Government Notices ..... *577 - 580*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 580 - 586
Employment Opportunities ..... *580 - 586*

Avviżi tal-Gvern ..... 587 - 588
Notices ..... *587 - 588*

Offerti ..... 589 - 618
Tenders ..... *589 - 618*

Avviżi tal-Qorti ..... 619 - 636
Court Notices ..... *619 - 636*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 64

IL-PRIM MINISTRU
JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, it-22 ta' Jannar, 2009 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 48 tal-20 ta' Jannar, 2009, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-22 ta' Jannar, 2009
(OPM 1/2009)

Nru. 65

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frans Bajada	Aġent Direttur Ġenerali *Acting Director General*	Teżor *Treasury*	18-22.01.2009

It-23 ta' Jannar, 2009

Nru. 66

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI
(Kap. 495)

Awtorità Ċentrali Msemmija

BIS-SAĦĦA mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att" il-Ministru għall-Politika Soċjali semma lid-Dipartiment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali bħala l-Awtorità Ċentrali għall-finijiet ta' dan l-Att.

It-23 ta' Jannar, 2009

Nru. 67

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

NGĦARRFU li l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar lis-Sur Paul Bezzina bħala Membru fuq il-Bord tal-Malta Industrial Parks Ltd minflok is-Sur Mario Mifsud sat-12 ta' Mejju, 2009.

Id-19 ta' Jannar, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 64

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister on Thursday, 22nd January, 2009 and that the arrangements made by Government Notice No. 48 of the 20th January, 2009, ceased to have effect accordingly.

22nd January, 2009

No. 65

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frans Bajada	Aġent Direttur Ġenerali *Acting Director General*	Teżor *Treasury*	18-22.01.2009

23rd January, 2009

No. 66

ADOPTION ADMINISTRATION ACT
(Cap. 495)

Designated Central Authority

In exercise of the powers conferred by section 7 of the Adoption Administration Act, hereinafter referred to as "the Act" the Minister for Social Policy has desiganted the Department for Social Welfare Standards as the Central Authority for the purposes of this Act.

23rd January, 2009

No. 67

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

IT is notified that the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed Mr Paul Bezzina as Member of the Board of the Malta Industrial Parks Ltd instead of Mr Mario Mifsud up to the 12th May, 2009.

19th January, 2009

Nru. 68

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 41 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Jannar 2009, ngħarrfu b'din illi n-Nutar Joseph Abela m'għadux aktar il-Konservatur tan-Nutar Anthony Abela, peress li dan tal-aħħar reġa' daħal għad-dmirijiet ta' Nutar Pubbliku mill-11 ta' Marzu 2008.

In-Nutar Anthony Abela għandu jiġi inkluż fil-lista ta' Nutara li qegħdin jipprattikaw il-Professjoni tagħhom f'Malta ippubblikata fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 43 tal-2009.

It-23 ta' Jannar, 2009

No. 68

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ACHIVES ACT (CAP. 55)

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 41 published in the Government Gazette dated 16th January 2009, it is hereby notified that Notary Joseph Abela is no longer Keeper of Notary Anthony Abela, the latter having resumed duties as Notary Public as from the 11th March 2008.

Notary Anthony Abela is to be included in the list of practising Notaries published under Government Notice No. 43 of 2009.

23rd January, 2009

Nru. 69

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT (KAP. 435)

SKONT ir-Regolament 10 tal-Avviż Legali 418 tal-2005, is-SEA Audit Team jgħarraf li d-Draft Waste Management Strategy kif mibgħut mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jinħtieġ Stima Ambjentali Strateġika skont ir-regolamenti msemmija.

Skont ir-Regolament 10 tal-Avviż Legali 418 tal-2005, is-SEA Audit Team jgħarraf li l-Grand Harbour Vision, kif mibgħut mill-Grand Harbour Regeneration Corporation plc ma jinħtieġx Stima Ambjentali Strateġika skont ir-regolamenti msemmija.

It-23 ta' Jannar, 2009

No. 69

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)

In terms of Regulation 10 of Legal Notice 418 of 2005, the SEA Audit Team notifies that the Draft Waste Management Strategy as submitted by the Ministry for Resources and Rural Affairs requires a Strategic Environmental Assessment in accordance with the said regulations.

In terms of Regulation 10 of Legal Notice 418 of 2005, the SEA Audit Team notifies that the Grand Harbour Vision, as submitted by the Grand Harbour Regeneration Corporation plc does not require a Strategic Environmental Assessment in accordance with the said regulations.

23rd January, 2009

Nru. 70

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Benefiċċju għall-Enerġija bħala Għajnuna sabiex jiġi mitigat l-Impatt tal-Prezz taż-Żejt fuq il-Prezzijiet tal-Enerġija

Emenda

NGĦARRFU b'din illi, b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 52 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Jannar, 2009, Klawsola 10 kellha tkun kif ġej:

10. Dispożizzjonijiet Transitorji

Applikazzjonijiet magħmula taħt:

i. L-Avviż Legali Numru 212 tal-1998 u l-Avviż Legali Nru 58 tal-1999 fir-rigward tar-Regolamenti tal-1998 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-

No. 70

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Energy Benefit as assistance to mitigate the Effect of the Price of Fuel on the Pricing of Energy

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 52 published in Government Gazette dated 20th January, 2009, Clause 10 should have read as follows:

10. Transitional Dispositions

Claims made under:

i. Legal Notice Number 212 of 1998 and Legal Notice Number 58 of 1999 with regards to the 1998 Regulations amending The Regulations on the Supply of Electricity and

Kurrent Elettriku u r-Regolament tal-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma rispettivament, u

ii. L-Avviż Legali Numru 384 tal-2007 taħt l-iskema għall-Benefiċċju għall-Enerġija bħala Għajnuna Sabiex Jiġi Mitigat l-Impatt tal-Prezz taż-Żejt Fuq il-Prezzijiet tal-Enerġija, u

id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-iskema għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi għall-għoti tal-għajnuna skond din l-iskema.

L-23 ta' Jannar, 2009

the 1999 Regulation with regards to the Supply of Water, and

ii. Legal Notice Number 384 of 2007 with regard to the Energy Benefit as Assistance to Mitigate the Effect of the Price of Fuel on the Pricing of Energy Scheme, and

the date when this scheme is put into force shall be considered as valid claims for awarding such assistance according to this scheme.

23rd January, 2009

Nru. 71

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
304	Block 27 Portomaso Complex Portomaso San Ġiljan	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	07.01.2009
305	Block 28 Portomaso Complex Portomaso San Ġiljan	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	07.01.2009
306	Block 30 Portomaso Complex Portomaso San Ġiljan	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	07.01.2009
308	12, Triq Sir Adrian Dingli Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	14.01.2009
309	Seacliff Apartments Triq it-Torri Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	19.01.2009
310	Seacliff Garages Triq it-Torri Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	19.01.2009

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-23 ta' Jannar, 2009

No. 71

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

23rd January, 2009

Nru. 72

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
23. 01. 09	€21.641	€0.309

It-23 ta' Jannar, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* għal sitta u tletin xahar bħala *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Case Officer* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta jintemm l-*assignmen*t. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mad-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment kif ukoll mal-Gvern ta'

No. 72

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

23rd January, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Case Officer in the Consumer and Competition Division in the Ministry of Finance, the Economy and Investment

** In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender*

The Public Service Commission invites applications for the position of Case Officer in the Consumer and Competition Division in the Ministry of Finance, the Economy and Investment.

2.1 The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Case Officer in the Consumer and Competition Division in the Ministry of Finance, the Economy and Investment. Unsatisfactory performance as Case Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her service with the Consumer and Competition Division in the Ministry of Finance, the Economy and Investment as well as with the Malta

Malta, jintemm f'każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Case Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala Salarju 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut fl-*assignment* fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment hu ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (€18,556) fl-ewwel sena tal-*assignment*, ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 8 (€19,840) fit-tieni sena tal-*assignment* u ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (€21,244) fit-tielet sena tal-*assignment*. Jekk il-persuna magħżula jkollha l-*warrant* biex tipprattika l-professjoni legali u għandha sentejn esperjenza minn meta kisbet il-*warrant*, din tirċievi l-massimu ta' Skala 7.

3.2 Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv (fejn applikabbli) tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.3 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuna maħtura tkun intitolata għal *disturbance allowance* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju tagħha għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

3.4 *Case Officers* li jkunu qegħdin jirċievu salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 jkunu intitolati għal *performance incentive bonus* ta' mhux aktar minn 10% tas-salarju bażiku tagħhom, fuq bażi ta' riżultati pożittivi.

3.5 Il-persuna magħżula ma titħalliex teżerċita l-professjoni tagħha privatament.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Case Officer* trid, *inter alia*, tmexxi investigazzjonijiet, tagħmel xogħol ta' riċerka, tagħmel analiżi, tiġbor informazzjoni, u tagħmel rapporti u dokumenti oħra li jikkonċernaw materji tal-Konsumatur u/jew tal-Kompetizzjoni. Il-persuna tkun mitluba wkoll li titratta każijiet quddiem il-Qrati u tagħmel preżentazzjonijiet orali jew bil-kitba kemm f'Malta kif ukoll barra.

Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Case Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 The position of Case Officer in the Consumer and Competition Division in the Ministry of Finance, the Economy and Investment carries a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (€18,556) during the first year of assignment, equivalent to the maximum of Salary Scale 8 (€19,840) during the second year of assignment, and to the maximum of Salary Scale 7 (€21,244) during the third year of assignment, provided that a person in possession of a warrant to practise the legal profession and with two years experience after obtaining the warrant will receive a salary equivalent to the maximum of Scale 7.

3.2 For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade (where applicable) and the salary of the position will be paid as non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3.3 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of his/her salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

3.4 Case Officers receiving a salary equivalent to the maximum of Scale 7 will also be entitled to a performance incentive bonus of up to a maximum of 10% of their basic salary subject to positive performance.

3.5 The Case Officer will not be allowed to perform his/her profession privately.

4. The Case Officer will be required *inter alia* to lead and manage investigations, to undertake research work, perform analysis, compile data, draw up reports and other documents concerning consumer and/or competition policy. Moreover, he/she will be required to engage in judicial litigation and make oral and written presentations both in Malta and abroad.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjoni, l-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ċittadini ta' Malta; JEW

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea; JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; U

ċ) (i) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta; JEW

(ii) Uffiċjali Pubbliċi li għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali; U

(d) ta' karattru morali tajjeb (dawk l-applikanti li huma Uffiċjali Pubbliċi għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi sabiex jiksbu l-*warrant* imsemmi f'paragrafu 5.1(ċ)(i).

5.3 L-applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.2 jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.1(ċ). Barra minn hekk, dawn il-persuni jkunu jistgħu jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat f'Malta u sakemm ikun għad hemm vakanza.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; OR

(ii) citizens of another European Union Member State; OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (i), (ii) and (iii) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages; AND

(c) (i) in possession of a warrant to exercise the profession of Advocate in Malta; OR

(ii) a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service in the grade of Junior Legal Officer/Legal Officer; AND

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details.

5.2 Applications will also be received from persons who are in possession of the academic qualifications to obtain the warrant mentioned in paragraph 5.1(c)(i).

5.3 The successful applicant under paragraph 5.2 will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5.1(c). Such applicant, moreover, will only become appointable when he/she obtains the warrant to practice as Advocate in Malta and provided that a vacancy is available.

5.4 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti eliġibbli li għandhom *postgraduate degree* jew kwalifika akkademika *postgraduate* komparabbli fil-liġi jew f'materji Ewropej.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNDP.

7. 1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħazagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 Bord tal-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

5.4 Due consideration will be given to eligible applicants who are in possession of a postgraduate degree or any other comparable postgraduate academic qualification in Law or European Affairs.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Division by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and

u f'dik tad-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, *Office for Fair Trading*, Triq il-Kanun, Santa Venera.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ dwar ir-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont sezzjoni 1.1.10. tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-formoli tal-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, *Office for Fair Trading*, Triq il-Kanun, Santa Venera.

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, tad-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, *Office for Fair Trading*, Triq il-Kanun, Santa Venera, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Frar 2009.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew mezz ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-13 ta' Frar 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, *Office for Fair Trading*, Triq il-Kanun, Santa Venera mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni huwa +356 21446256.

12. a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni.

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Jannar, 2009

that of the Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director General, Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera.

10. Applications together with a *Curriculum Vitae* indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Consumer and Competition Division, Cannon Road, St Venera by not later than noon (Central European Time) of Friday, 13th February 2009.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 13th February 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director General, Consumer and Competition Division is +356 21446256.

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Consumer and Competition Division, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Consumer and Competition Division, within seven (7) days.

23rd January, 2009

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Construction Supervising Architect*

L-Università se timpjega *Construction Supervising Architect* fuq bażi *full-time*, għal perjodu definit ta' tliet snin. Ix-xogħol jinvolvi primarjament il-ħarsien tal-implimentazzjoni tal-Proġett iffinanzjat mill-ERDF (Ref. ERDF 017).

2. Min jinħatar irid ikollu l-*warrant* biex jaħdem bħala perit u inġinier ċivili.

L-Università ta' Malta hija *Equal Opporunity Employer.*

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta €20,808 b'żidiet fis-sena ta' €641 sa' massimu ta' €24,652.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 4 ta' Frar 2009.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-23 ta' Jannar, 2009

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Construction Supervising Architect

The University of Malta is to recruit a CONSTRUCTION SUPERVISING ARCHITECT on a full-time, fixed term contract of three years. The work involved is primarily to oversee the implementation of an ERDF -funded Project. (Ref. ERDF 017)

2. The applicant must have a warrant to practise as an Architect and Civil Engineer.

The University of Malta is an Equal Opportunity employer.

3. The salary attached to the post is €20,808 rising by annual increments of €641 up to a maximum of €24,652.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae one set of copies and three names and addresses of three referees:

Director for Human Resources Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Wednesday, 4th February 2009.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website:
http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

23rd January, 2009

Programmi Operattivi I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Kuntratt parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ jinħtieġ jimla l-postijiet ta':

Project Managers
Il-kandidati magħżula jkunu responsabbli għat-tmexxija b'suċċess u effiċjenti ta' żewġ Proġetti ta' Taħriġ speċifiċi tal-Fond Soċjali Ewropew (ESF), kif ġej:

Training Project relatat mat-tnedija tal-MCAST Top-up Degrees (MPO 185/2005) (Permess tal-ETC 250/2008)

Kandidati prospettivi għandu jkollhom:
M.Ed. (Educational Management) degree, jew
M.A. (Education) degree flimkien ma' Diploma fl-*Educational Management and Administration*, u
tal-anqas 3 snin esperjenza relevanti.

Proġett ta' Taħriġ relatat mal-iżvilupp professjonali tal-MCAST Lecturing Staff u l-Istaff Amministrattiv tal-MCAST (MPO 185/2005) (Permess tal-ETC 5/2009)
Kandidati prospettivi għandu jkollhom:
Master's degree bi speċjalizzazzjoni f'taħriġ ta' żvilupp organizzattiv u,
tal-anqas 3 snin esperjenza relevanti.

Responsabbiltajiet:
Il-kandidati magħżula jkunu mistennija li:
Jiddeċiedu u jipprovdu strateġiji xierqa biex jiżguraw li l-iskop tal-proġett, rekwiżiti u dak kollu mitlub ikun inftiehem sew;
Jimplimentaw il-pjani tal-proġetti u jikkordinaw u jintegraw l-attivitajiet kollha tal-proġett;
Jidentifikaw u jimplimentaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri tad-dokumentazzjoni tal-proġett;
Jiżviluppaw, jimplimentaw u jikkonkludu pjani għall-proġetti kif ikunu ordnati;
Il-kandidati li jintgħażlu jkunu ingaġġati fuq kuntratt definit ta' tliet snin, bil-possibbiltà li jiġi estiż.

Il-kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST mimlija, flimkien mal-*history sheet* tal-impjieg tagħhom, li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mit-Tnejn, 9 ta' Frar 2009, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-MCAST Main Campus, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Amministrazzjoni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjoni li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija sew ma jiġux ikkunsidrati.

It-23 ta' Jannar, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The College is seeking to fill the posts of:

Project Managers
The selected candidates will be responsible for the successful and efficient management of two specific European Social Fund (ESF) Training Projects, as follows:

Training Project related to the launch of MCAST Top-up Degrees (MPO 185/2005) (ETC Permit 250/2008)

Prospective candidates must be in possession of:
an M.Ed. (Educational Management) degree, or
an M.A. (Education) degree together with a Diploma in Educational Management and Administration, and
a minimum of 3 years relevant experience.

Training Project related to the professional development of MCAST Lecturing Staff and of MCAST Administrative Staff (MPO 185/2005) (ETC Permit 5/2009)
Prospective candidates must be in possession of:
a Master's degree with a specialization in organizational development training, and
a minimum of 3 years relevant experience.

Responsibilities:
The selected candidates will be expected to:
Determine and provide appropriate strategies to ensure a thorough understanding of project scope, requirements and deliverables;
Implement the project plans and coordinate and integrate all project activities;
Identify and implement project documentation requirements or procedures;
Develop, implement and conclude project plans as directed.
The successful candidates will be engaged on a three year definite contract, with the possibility of an extension.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 9th February 2009, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

23rd January, 2009

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships in Contemporary European Studies
University of Sussex, UK 2009/2010
(for Maltese citizens only)

The Government of Malta is offering scholarships for academic year 2009/2010 to enable students to participate in an MA course in Contemporary European Studies tenable at the University of Sussex.

The course programme covers one academic year commencing in October 2009 and ends in June/August 2010.

Applicants should already have, or expect to have before September 2009, a local or foreign approved university degree (minimum Second Class Upper) in Law, Economics, Management/Commerce/Human Resources, the Social/Political Science, the Humanities, (including Literature), History and Philosophy.

The documents listed below should be attached to the application form in duplicate:

(a) a Curriculum Vitae indicating the totality of studies pursued as well as the grades obtained.
(b) a copy of the degree(s) obtained;
(c) a University/Faculty/School transcript detailing results and grades obtained (one original copy to be forwarded to the University of Sussex);
(d) a letter of recommendation from two University Professors. The reference form issued by Sussex University should be used. (each letter should be in duplicate and has to be delivered in separately sealed envelopes: one addressed to the University of Sussex and a copy to the Ministry of Foreign Affairs, and annexed to the relevant application form).

Applicants are to apply through the Ministry of Foreign Affairs Scholarhsip portal www.scholarships.gov.mt. Kindly note that this portal requires e-ID certification. E-ID registration details may be obtained from www.mygov.mt.

Alternatively application forms are available from the Ministry's own Website (www.mfa.gov.mt). These are to be submitted in duplicate to the Scholarships Section at the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, from 8.00 a.m. to 12.00 noon. Closing date for these scholarships is by not later than noon of Friday, 6th February 2009.

It should be noted that applicants are also to apply directly to the University of Sussex through their website (www.sussex.ac.uk) proof of this application is to be copied to the Scholarships Section at the Ministry of Foreign Affairs.

Applications from Government and Parastatal employees and from the Private Sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Parastatal Organisation/employer respectively.

Selected candidates will be required to sign an undertaking to the effect that on completion of studies they would be available to work in Malta. They may also be required to enter into a contract to serve the Government of Malta upon completion of studies.

Late applications will not be considered.

The Board's decision will be final.

23rd January, 2009

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf li Triq Fidiel Zarb se tkun magħluqa għat-traffiku kollu mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., il-Tlieta, it-3 ta' Frar 2009.

It-23 ta' Jannar, 2009

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Għargħur Local Council notifies that Triq Fidiel Zarb will be closed to all traffic from 9.00 a.m. to 1.00 p.m. on Tuesday, 3rd February 2009.

23rd January, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kap. 435)
Regolamenti tal-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika

Il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jgħarraf li nħarġet l-Ewwel Reviżjoni tal-Istrateġija dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu u din ġiet sottomessa lit-*Team* ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strateġiċi. It-*Team* ta' Verifika hu tal-opinjoni li hemm bżonn li ssir Stima Ambjentali Strateġika skond Avviż Legali 418 tal-2005. Membri tal-pubbliku jistgħu jaraw kopji ta':

1. L-Ewwel Reviżjoni tal-Istrateġija dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu
2. L-abbozz tar-rapport dwar *Scoping*

fl-uffiċini tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Valletta waqt il-ħinijiet tax-xogħol sal-20 ta' Frar, 2009.

Membri tal-pubbliku jistgħu jieħdu kopji tar-rapporti mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fil-Belt Valletta jew elettronikament minn www.wastestrategy.gov.mt

Kull min jixtieq jibgħat kummenti dwar dawn ir-rapporti għandu jikteb sa mhux aktar tard mill-20 ta' Frar, 2009 liċ-*Chairman*, *Team* ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strateġiċi, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Auberge D'Italie, Valletta jew bl-*email* lil sea_audit_team@gov.mt

It-23 ta' Jannar, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Environment Protection Act (Cap. 435)
Strategic Environmental Assessment Regulations, 2005

The Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that the First Revised Edition of the Solid Waste Management Strategy has been launched and submitted to the Strategic Environmental Assessment Audit Team. The Audit Team is of the opinion that a Strategic Environmental Assessment is required in line with L.N. 418 of 2005. Members of the public may inspect copies of:

1. First Edition of the Revised Solid Waste Management Strategy
2. Scoping Report

at the offices of the Ministry for Resources and Rural Affairs in Valletta during office hours until the 20th February, 2009.

Members of the public may obtain copies of the reports from the Ministry of Resources and Rural Affairs in Valletta or electronically from www.wastestrategy.gov.mt

Anyone who wishes to make representations about these reports should write by not later than 20th February, 2009 to the Chairman, Strategic Environmental Assessment Audit Team, Office of the Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, Auberge D'Italie, Valletta or by email to sea_audit_team@gov.mt.

23rd January, 2009

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(SAĦĦA)

Riżultati tal-Intervista għall-Pożizzjonijiet/Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-pożizzjonijiet/postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-pożizzjonijiet/postijiet huma dawn li ġejjin:
Environmental Hygiene Officer (Infection Control Unit)
Practice Development Nurse (Primary Health Care)
Sexual Health Nurse
Basic Specialist Trainee fid-Dipartiment tal-Mediċina
Senior Principal Health Inspector

It-23 ta' Jannar, 2009

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Results of Interviews for Positions/Posts in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Director General (Resources and Support) notifies that the results of the interview for the undermentioned positions/posts may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The positions/posts are the following:
Environmental Hygiene Officer (Infection Control Unit)
Practice Development Nurse (Primary Health Care)
Sexual Health Nurse
Basic Specialist Trainee in the Department of Medicine
Senior Principal Health Inspector

23rd January, 2009

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Jannar, 2009, għal:

CT 251/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2608/2008. Żviluppar ta' *leaders* għat-tibdil u innovazzjoni fit-Turiżmu: Żviluppar tan-negozju u Żvilupp Kontinwu Professjonali (CPD) għat-*Tourism Senior Management* - Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew - Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stimat: €3,407,925.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2008.

CT 252/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2791/2007. Provvediment ta' *project manager* biex jipprovdi servizzi ta' mmaniġġjar ta' proġetti bżonnjużi għall-implimentazzjoni u mmaniġġjar għall-Proġett ta' Rijabilitazzjoni ta' Miżbliet - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-*Cohesion Fund* 2007-2013 - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stimat: €699,000.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2008.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-29 ta' Jannar, 2009, għal:

CT 265/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2355/2008. Provvista ta' preparazzjoni ta' ikel – *elemental 028 extra unflavoured* – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 241/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2434/2008. Provvista ta' sodod għall-isptar li jaħdmu bl-elettriku u aċċessorji – Welfare Committee. Irid jitħallas dritt ta' €200.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-18 ta' Novembru 2008.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th January, 2009, for:

CT 251/2008, Contracts Ref. No. CT 2608/2008. Developing leaders for change and innovation in Tourism: Business development and Continuous Professional development (CPD) for Tourism Senior Management - Malta Tourism Authority. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

